MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2011

Avviz Numru. 285/2011

**Fl-atti ta’ l-Ittra Ufficjali Numru 2392/11 datata 23 ta’ Gunju 2011 fl-ismijiet:**

**Francis Abela (I.D. Card Numru 153857M) ghan-nom tad-ditta F. Abela & Sons**

**Vs**

**Angela Santillo (I.D. Card Numru 1029345M)**

**Illum 20 ta’ Ottubru 2011**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat minn Angela Santillo fil-31 ta’ Awissu 2011 permezz ta’ liema titlob li l-Qorti: (i) tiddikjara li t-titolu ezekuttiv ibbazat fuq l-ittra ufficjali fl-ismijiet “Francis Abela nomine vs Angela Santillo” bin-Numru 2392/11, huwa null u bla effett fil-Ligi a tenur tad-disposizzjonijiet ta’ l-Artikolu 166A(5)(ii) tal-Kap.12 tal-

Ligijiet ta’ Malta; (ii) tordna r-revoka ta’ l-imsemmi titolu ezekuttiv; (iii) tiddikjara null u bla effett il-Mandat ta’ Sekwestru ezekuttiv bin-Numru 2473/11 fl-ismijiet “Francis Abela v. Angela Santillo” mahrug in segwitu w a bazi tat-titolu ezekuttiv in kwistjoni; u (iv) tirrevoka l-imsemmi Mandat ta’ Sekwestru Numru 2473/11 a tenur tad-disposizzjonijiet ta’ l-Artikolu 281 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta, u tawtorizzaha tipprezenta l-kontro-mandat opportun;

Rat ir-Risposta ta’ Francis Abela ghan-nom tad-ditta F. Abela & Sons permezz ta’ liema jopponi ghat-talbiet tar-Rikorrenti u jitlob li l-istess jigu michuda ghaliex: (i) kontra dak affermat mir-Rikorrenti l-ittra ufficjali mertu tal-kontestazzjoni giet minnu debitament ikkonfermata bil-gurament, izda l-Prokuratur Legali Joeline Pace Ciscaldi bi zvita minhabba pressjoni ta’ xoghol insiet tittimbra l-ittra u tinkludi l-gurament tieghu fuqha; (ii) fi kwlaunkwe kaz ghandha tigi awtorizzata korrezzjoni ta’ dan l-izball peress li l-istess mhux imputabbli lilu; (iii) l-esekuzzjoni tal-Mandat ta’ Sekwestru in segwitu ghat-titolu ezekuttiv nascenti mill-ittra ufficjali in kontestazzjoni saret hamsa u ghoxrin gurnata wara li kien skada t-terminu ta’ tletin gurnata koncess lir-Rikorrenti biex tirrispondi ghall-ittra ufficjali; (iv) fi kwalsiasi kaz id-deputat registratur tal-Qorti, wara li vverifikat l-ittra ufficjali iddikjarat l-istess ittra ezekuttiva ai termini ta’ l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif jirrizulta mit-timbru li jidher fuq l-istess ittra; u (v) ir-Rikorrenti qatt ma stqarret li l-ammont ta’ €10,496.65 mhux dovut minnha;

Rat il-vera kopja ta’ l-ittra ufficjali bin-Numru 2392/11 datata 23 ta’ Gunju 2011, rat id-dokumenti markati bhala Dok. “A” u Dok. “B” annessi mar-Risposta ta’ l-intimat nomine u rat l-atti tal-Mandat ta’ Sekwestru bin-Numru 2473/11 fl-ismijiet “Francis Abela v. Angela Santillo” li gew allegati ma’ l-atti ta’ dan ir-Rikors;

Semghet ix-xhieda tal-Prokuratur Legali Joeline Pace Ciscaldi moghtija waqt is-seduta ta’ l-10 ta’ Ottubru 2011;

Semghet it-trattazzjoni da parte tad-difensuri tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

Ir-Rikorrenti titlob ir-rexissjoni u dikjarazzjoni ta' nullità tat-titolu ezekuttiv ottenut mill-intimat nomine fil-konfront taghha bis-sahha ta' l-ittra ufficjali ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta bin-Numru 2392/11 datata 23 ta' Gunju 2011, ghaliex l-istess ittra ufficjali ma tissodisfax ir-rekwiziti tal-Ligi billi ma gietx mahlufa minn Francis Abela, kif rikjest fl-Artikolu 166A(2) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ai termini ta' l-Artikolu 166A(5)(ii) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, il-fatt li ittra ufficjali mahruga a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta ma jkunx fiha l-htigijiet stipulati *inter alia* fis-subartikolu (2) ta' l-imsemmi artikolu tal-Ligi, jikkostitwixxi wahda mir-ragunijiet in bazi ghal liema titolu ezekuttiv ottenut bis-sahha ta' tali ittra ufficjali jista' jigi rexiss u dikjarat null u bla effett.

Is-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li: *il-kreditur ghandu jmexxi billi jipprezenta ittra ufficjali, illi ghandha tkun skond forma stabbilita mill-Ministru responsabbli ghall-Gustizzja b'avviz legali u illi l-kontenut taghha ghandu jigi konfermat bil-gurament mill-kreditur, jew quddiem ir-registratur jew prokuratur legali mahtur bhala Kummissarju bis-setgha li jaghti gurament taht l-Ordinanza dwar il-Kummissjunarji b'setgha li jaghtu l-Gurament*[1]*, li ghandha tigi notifikata lid-debitur fejn ghandu jigi dikjarat b'mod car, taht piena ta' nullità, ir-raguni li fuqha tkun imsejsa t-talba, ir-ragunijiet ghaliex it-talba ghandha tintlaqa', u dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba: Izda ma jistax isir uzu mid-disposizzjonijiet tas-subartikoli (3), (5) jew (6) ta' l-artikolu 187 biex issir in-notifika ta' l-imsemmija ittra ufficjali.*

Minn dan il-provvediment tal-Ligi johrog car li l-gurament tal-kontenut ta' l-ittra ufficjali mahruga a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta da parte tal-kreditur mittenti, huwa partikolarità essenzjali ta' dik l-ittra

[1] Sottlinear tal-Qorti.

espressament mehtiega mill-Ligi. Ai termini ta' l-Artikolu 789(d) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, in-nuqqas ta' tali gurament jista' jwassal ghan-nullità ta' l-ittra ufficjali bil-konsegwenza li jigi rexiss u dikjarat null it-titolu ezekuttiv nascenti minnha u jigi jigi revokat kwalunkwe att ezekuttiv ottenut fuq is-sahha ta' dak it-titolu ezekuttiv.

L-intimat nomine jikkontendi li n-nuqqas ravvista fl-ittra ufficjali mertu tal-kontestazzjoni jista' jigi sanat b'ordni tal-Qorti kif gara f'kaz, skond hu, analogu ghal dak odjern.

Wara li rat id-dokumentazzjoni esebita mill-intimat nomine u wara li semghet ix-xhieda tal-Prokuratur Legali Joeline Pace Ciscaldi, il-Qorti ma hijiex affattu sodisfatta li l-pretensjoni ta' l-intimat nomine ghandha tigi akkolta u li n-nuqqas ravvisat fl-ittra ufficjali in kontestazzjoni jigi sanat b'ordni Taghha.

Jibda biex jinghad li c-cirkostanzi tal-kaz in ezami huma differenti minn dawk tal-kaz fl-ismijiet "Dane Philip Frank Camilleri et v. Nutar Pubbliku Pierre Falzon et" li ghalih jaghmel referenza l-intimat nomine. Mid-dokument markat bhala Dok. "B" anness mar-Risposta ta' l-intimat nomine, ossia r-Rikors li gie pprezentat fl-atti ta' l-ittra ufficjali bin-numru 248/10 fl-ismijiet "Dane Philip Frank Camilleri et v. Nutar Pubbliku Pierre Falzon et", jirrizulta li f'dak il-kaz fid-dikjarazzjoni tal-fatti annessa ma' l-ittra ufficjali *xorta wahda hemm iddikjarat li l-imsemmi Dane Philip Frank Camilleri ikkonferma bil-gurament tieghu l-kontenut tad-dikjarazzjoni li hija kopja identika ta' l-ittra ufficjali u hemm ukoll il-firma ta' l-istess Dane Philip Frank Camilleri*. Dana però ma jirrizultax li hu l-kaz fl-ittra ufficjali mertu ta' dawn il-proceduri ghaliex fiha ma hemmx indikat li l-intimat nomine kkonferma l-kontenut taghha bil-gurament u lanqas tidher il-firma tieghu fuq l-istess ittra.

Hemm differenza sostanzjali ohra bejn il-kaz li ghalih jaghmel referenza l-intimat nomine u l-kaz in ezami. Fil-kaz ta' l-ittra ufficjali fl-ismijiet "Dane Philip Frank Camilleri et v. Nutar Pubbliku Pierre Falzon et", it-talba biex in-nuqqas ravvisat f'dik l-ittra jigi ssanat saret **qabel** ma' l-istess ittra ufficjali giet reza ezekuttiva – *l-ittra ufficjali fuq*

*indikata giet notifikata u t-terminu ta' tletin (30) jum ghadda inutilment izda l-istess ittra ufficjali ma setghetx tigi reza ezekuttiva minhabba n-nuqqas fuq indikat* – filwaqt illi fil-kaz in ezami l-intimat nomine qed jitlob li n-nuqqas ravvisat fl-ittra ufficjali in kontestazzjoni jigi sanat **wara** li l-istess ittra ufficjali giet reza esekuttiva.

Din id-differenza bejn iz-zewg kazijiet timpingi serjament fuq il-pretensjoni ta' l-intimat nomine ghaliex huwa principju assodat fis-sistema guridika nostrali li talba sabiex nuqqas jigi sanat jew korrett mhux akkonsentita u permissibbli meta il-materja in kwistjoni tkun ghaddiet fil-fazi ezekuttiva taghha[2]. Fic-cirkostanzi ghalhekk lanqas ma jista' japplika dak dispost fil-*proviso* ta' l-Artikolu 789(1) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta[3], ghaliex in-nuqqas ravvisat fl-ittra ufficjali in kontestazzjoni kjarament ma jistax jissewwewa taht xi disposizzjoni tal-Ligi.

Il-Qorti lanqas ma hi konvinta u sodisfatta li l-fatti sehhew kif allegat mill-intimat nomine billi x-xhieda moghtija mill-Prokuratur Legali Joeline Pace Ciscaldi ma hijiex affattu konvincenti. Waqt is-seduta ta' l-10 ta' Ottubru 2011, il-Prokuratur Legali Pace Ciscaldi ddikjarat li *qed nigi murija l-ittra ufficjali bin-numru 2392/11 esebita fil-process u nghid li* ***dak li <u>seta'</u> gara fil-kaz ta' din l-ittra kien li l-klijent bhal klijenti l-ohra kollha kien gie r-Registru, inkun qrajtlu l-ittra u tajtu l-gurament u nkun ittimbrajtha. Jiena timbru wiehed naghmel u <u>li jista' jkun li gara</u> u li l-kopja ttimbrata jkun hadha mieghu l-klijent***[4]. Ix-xhieda taghha hija evidentement wahda generika u ma tittrattax b'mod dirett dak li effettivament gara fil-kaz in ezami u l-Qorti zgura ma tistax timxi u tibbaza ruhha fuq suppozizzjonijiet partikolarment fi kwistjonijiet li jkunu fil-fazi ezekuttiva. Apparte dan ghaliex seta' gara li darba bi zvista l-Prokuratur Legali Joeline Pace Ciscaldi tat l-ittra ufficjali ittimbrata u mahlufa lill-

---

[2] Joseph Gouder et v. Paul Zammit, Appell Civili Nru. 113/10, deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-6 ta' Ottubru 2010.

[3] *L-eccezzjoni ta' nullità kif mahsuba fil-paragrafi (a), (c), u (d) ma tkunx tista' tinghata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistghu jissewwew taht kull disposizzjoni ohra tal-ligi.*

[4] Enfasi u sottolinear tal-Qorti.

kreditur mittenti flok maipprezentata fir-Registru tal-Qorti, zgur li ma jfissirx illi gara l-istess haga fil-kaz in ezami.

Anke jekk kellu jigi kkunsidrat li fil-kaz in ezami gara hekk kif spiegat mill- Prokuratur Legali Joeline Pace Ciscaldi, u cioè li l-kopja debitament guramentata u ittimbrata ta' l-ittra ufficjali bi zvista inghata lill-intimat nomine flok ma giet ipprezentata fir-Registru, jinsorgi spontaneju l-kwezit ghaliex dik il-kopja ma gietx ipprezentata fl-atti ta' dawn il-proceduri in sostenn ta' dak affermat.

Ghaldaqstant fic-cirkostanzi l-Qorti tqis li l-ittra ufficjali mahruga a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta bin-Numru 2392/11 datata 23 ta' Gunju 2011, ma gietx mahlufa mill-intimat nomine kif rikjest fis-subartikolu (2) ta' l-imsemmi artikolu tal-Ligi, u ghalhekk a tenur ta' l-Artikolu 166A(5)(ii) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, it-titolu ezekuttiv ta' l-intimat nomine kontra r-Rikorrenti nascenti minn dik l-ittra ufficjali ghandu jigi rexiss u dikjarat null, u konsegwentement il-Mandat ta' Sekwestru bin-Numru 2473/11 mahrug fuq is-sahha ta' dak it-titolu ezekuttiv ghandu jigi revokat.

Fid-dawl ta' din il-konkluzzjoni l-Qorti ma tqisx li ghandha ghalfejn tidhol fil-kwistjoni dwar l-allegata nullità ta' l-esekuzzjoni tal-Mandat ta' Sekwestru bin-Nuru 2473/11 a tenur ta' l-Artikolu 281 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta u dana billi kif jidher car mill-istess konkluzzjoni, una volta li t-titolu ezekuttiv jigi rexiss u dikjarat null ai termini ta' l-Artikolu 166A(5) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Mandat Ezekuttiv li sar a bazi ta' tali titolu necessarjament irid jigi revokat.

Ghal kull buon fini l-Qorti tosserva li l-fatt li r-Rikorrenti fl-ebda stadju ma iddikjarat li ma ghandhiex thallas l-ammont pretiz mill-intimat nomine, ma ghandux jimpingi fuq it-talbiet taghha ghaliex kif johrog car mill-Artikolu 166A(5) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, kieku r-Rikorrenti opponiet ghat-talba ta' l-intimat nomine ma kenitx tkun f'posizzjoni tistiwixxi l-procedura odjerna kontra tieghu.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi l-kaz billi filwaqt li tastejni milli tieghu konjizzjoni tar-raba’ talba tar-Rikorrenti, tilqa’ l-ewwel, it-tieni u tielet talba taghha, tirrexxindi t-titolu ezekuttiv ta’ l-intimat nomine kontra r-Rikorrenti kif nascenti mill-ittra ufficjali mahruga a tenur ta’ l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta bin-Numru 2392/11 datata 23 ta’ Gunju 2011 u tiddikjarah null u bla effett fil-Ligi, u konsegwentement tirrevoka l-Mandat ta’ Sekwestru Ezekuttiv bin-Numru 2473/11 fl-ismijiet “Francis Abela noe v. Angela Santillo” ottenut fuq is-sahha ta’ l-imsemmi titolu ezekuttiv.

L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati mill-intimat nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------